MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 37/1998/1

**Maria mart Michael Fiteni, f'isimha proprju**
**u bhala mandatarja ta' ohtha msiefra Antonia Apap;**
**u Mons. Gregory Grech**

**v.**

**Ta' French Real Estate Company Limited**
**u b'digriet tal-24 ta' Frar, 1998, Angelo Cefai**
**gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer**
**Peter McCann, u ghal kull interess li jista' jkollu**
**r-Registratur tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>:**

1. Din il-kawza bdiet tinstema u giet deciza kontestwalment ma’ kawza ohra fl-ismijiet **Angelo sive Lino Cefai nomine v. Maria mart Michael Fiteni pro et noe et** (Citaz. Numru 20/01) u fil-fatt thalliet ukoll ghas-seduta odjerna ghas-sentenza flimkien maghha.

2. Illi fir-rigward tal-kawza l-ohra surreferita nqalghu intoppi ta’ indole legali li ghalkemm mhux necessarjament jinfluwixxu fuq it-tkomplija ta’ din il-procedura, ikun opportun li stante li ghalissa fil-kawza l-ohra m’hijiex ser tinghata sentenza finali, li f’dan il-kaz ukoll, il-prolazzjoni tas-sentenza ma tinghatax qabel ma jigu sorvolati u rizolti z-zewg ostakoli li gew riskontrati fil-kawza l-ohra.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ghalissa tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet fuq moghtija u tiddifferixxi l-appell ghall-istess skop.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------